# IC-CKEJKEN AGHMA

(*Ħl:qa tal-Milied*)

Bħal ma kull ħadd jaf, fil-lejl imqaddes tal-Milied, li fih twieled il-Bambin, qatgħa kbira ta' Anġli niżlet mis-sema fl-art, biex tħabbar lil-bnedmin it-Twelid tiegħu. Dawk l-Anġli ferħanin baqgħu jittajjru mal-inħawi kollha ta' Betlehem sa kemm fl-aħħar waqfu ħdejn il-borġ tal-Eder fejn kienu r-ragħajja jgħassu mal-imrieħel tagħhom.

"La tibżgħux, ja rgħajja," qalilhom il-kap tal-Anġli; "la tibżgħux, għax aħna ġejna ħdejkom biex nagħtukom bxara tajba. F'nofs il-lejl sewwa, ġewwa Betlehem, il-belt tas-Sultan David, twieled il-Messija, jiġifieri dak li minn żmien ilu kien imwiegħed minn Alla u mħabbar mill-Profeti. Morru hemm, biex tarawh u tagħtuh qima. Issibuh ġewwa maxtura ta' għar ċkejken, fuq it-tiben, imfisqi bil-ħrieqi, u msaħħan bin-nifs tal-ħmar u l-baqra."

U kif l-Anġlu t'Alla qallhom hekk, dik il-qatgħa ta' Anġli bdiet mill-ġdid tiftaħ u tħabbat ġwinħajha, u tkanta: "Sebħ lill-Alla fil-għoli tas-smewwiet, u Sliema lin-nies ta' rieda tajba!" U kif l-Anġli tbiegħdu minn dawk l-inħawi, ir-ragħajja bdew jgħidu lil xulxin: "Ejjew immorru sa Betlehem, ħalli naraw dak li ġara!" U telqu; iżda kif kienu sejrin, wieħed minnhom li kien jismu Joël dar lejn sħabu u qallhom: "Kemm tifrah Rakêla, l-mara tiegħi, kieku hija wkoll tara b'għajnejha lil Messija! Ħalluni mmur għaliha, għax ilha ħafna titlob u tistenna l-miġja tal-Feddej! Sejjer immur inġibha, għax il-ferħ tiegħi ma jkun xejn mingħajr il-ferħ tagħha!"

L-imsejkna mara dak il-ħin kienet fl-aħjar raqda; u meta rat quddiemha lil żewġha jilheġ u jtemtem, għall-ewwel inħasdet u beżgħet, għax ħasbet li kien ġralu xi ħaġa. Imma mbagħad, meta qallha għal fejn qajjimha, hi nfisha qaltlu: "Iwa, ejja mmorru ħalli naraw din it-Tarbija, li kif kitbilna Iżajija sejra tkun il-kewkba, ix-xemx, li tagħti d-dawl lil bnedmin, li s'issa għadhom mixħutin fid-dlamijiet u l-għama!...... Ejja mmorru!" bdiet tgħajjat ferħana Rakêla.

Dawn kellhom tifel żgħir agħma, jismu Nahûm, u għal dak l-għajjat ta' ferħ ta' ommu, iċ-ċkejken stenbah, u kif beda jogħrok għajnejh magħluqa, beda jnewwaħ u jgħid: "Jien ukoll irrid niġi magħkom, biex jien ukoll nagħti qima lil din ix-xemx, li tagħti d-dawl lill-għomja!"

Għal dat-tnewwiħ ta' Nahûm, Joël u Rakêla nħasdu, għax huma kienu jaħsbu li Nahûm ma kienx jismagħhom. U issa kif sejrin jagħmlu biex jieħdu magħhom it-tifel ġewwa Betlehem? L-imsejken kien agħma iżraq, u hekk kien sa jkun tfixkil għalihom. Biex tkompli tagħqad, iż-żiffa tal-lejl kienet kiesħa, u barra kien dlam ċappa li taqtgħu b'sikkina. "Miskin, Nahûm!" qaltlu ommu. "Ibqa' rieqed, ruħi, għax il-bard u t-taqtir tax-xita. Aħna mmorru malajr, u malajr nerġgħu niġu."

"Le; marridx norqod. Irrid niġi magħkom!"

"Imma ruħi tas-sew li trid tiġi magħna?" qallu bil-ħlewwa missieru.

"Iwa, rrid niġi", wieġbu t-tifel.

"Mela taf x'nagħmlu: issa mmorru norqdu l-koll; u għada, k'Alla jrid, mas-sebħ, immorru t-tlieta flimkien. Imxi norqdu; u mat-tbexbix inqumu u nitilqu," qal Joël, fil-waqt li għemeż lil martu biex ifeħemha li kif Nahûm jarġa' jorqod huma t-tnejn jitilqu weħedhom.

Ftit wara t-tifel kien donnu rieqed, u Rakêla resqet fuq ponot subgħajha lejn is-sodda taċ-ċkejken biex tara jekk kienx ta' bil-ħaqq rieqed. Qabditlu kemm-kemm idu li kellu fuq qaddu, imbagħad ħafif-ħafif mellsitlu xagħru sewdieni, u t-tifel ma ħass xejn, għax kien ta' bil-ħaqq rieqed.

Ir-raġel u l-mara ħarġu malajr-malajr mid-dar, bexxqu bil-qajl-il-qajl il-bieb u telqu lejn Betlehem. Imma Nahûm wara ftit stenbaħ, u meta ra li fid-dar ma kien hemm ħadd ħliefu, mill-ewwel intebaħ li ommu u missieru kienu qarrqu bih u ħallewh waħdu. X'għamel Nahûm? Qam mis-sodda, libes mill-aħjar li sata', u jżomm dejjem mal-ħajt, niżel fil-bitħa. F'din il-bitħa Nahûm kellu ħaruf ġwejjed. Tgħidx kemm kien iħobbu lil dan il-ħaruf, għax miegħu kien joqgħod jilgħab, tista' tgħid in-nhar kollu.

Il-ħaruf kif lemaħ quddiemu lil Nahûm, beda jaqbeż bil-ferħ u jbêqi. "Iskot"! qallu minn taħt leħnu t-tifel. "La tbêqix, biex ħadd ma jisma'. Neħtieġek dal-lejl, għax ħadd ma jista' jaqdini ħliefek. Jeħtieġ li twassalni sal-għar ta' Betlehem. Hemmhekk hemm xemx li tagħti d-dawl lill-għomja... irrid immur ħdejn dik ix-xemx biex jiena wkoll inkun nista' nara, imma ma nafx minn fejn ngħaddi. Int tafha t-triq għax mort kemm il-darba. Isa, ejja wassalni."

Il-ħaruf f'daqqa waħda siket u beda jilgħaq id Nahûm, bħalli kieku ried jgħidlu: "Nisma minnek, ja sidi, ejja mmorru." U ħarġu. Il-ħaruf jimxi quddiem, u Nahûm warajh, iżomm ma' denbu. U għal kemm fid-dlam, u għaddew minn ġewwa widjien u tajn u ġebel, ħadd minnhom ma żelaq jew tgerbeb. U baqgħu mexjin sa ma waslu sal-għar.

L-ewwel ma daħal kien il-ħaruf u warajh daħal Nahûm: Ir-ragħajja kif rawhom bdew jgħidu lil xulxin: "Dan m'hux il-ħaruf ta' Joël? U dak it-tifel m'hux ibnu? Kif ġew hawn dal-ħin?" Joël u Rakêla, li kienu f'rokna tal-Għar, fettħu u wessgħu għajnejhom tgħidx kemm, u f'qalbhom bdew jgħidu: "Qegħdin noħolmu, jew qegħdin naraw sewwa? Dawn m'humiex il-ħaruf u t-tifel tagħna?"

Iżda l-ħaruf u t-tifel baqgħu resqin lejn il-maxtura. U Ġesù kif lemaħ hom ħares lejhom u b'idu ċkejkna beda jmellsilhom fuq rashom u jżiegħel bihom. U ħaġa tal-għaġeb! Kif il-Bambin niżżel idu fuq wiċċ it-tfajjel, u mess kemm-kemm għajnejh il-magħluqa dawk il-għajnejn infetħu, ħadu d-dawl u Nahûm beda jara. U kif kien jixtieq, ra huwa wkoll lix-xemx li ġiet bil-għan fid-dinja biex tagħti d-dawl lil min kien fid-dlam u fil-għama.

Dun ANTON TABONE.

# QWIEL TAL-PALESTINA

*Ix-xemx xarqat, u n-nâs xarfat.* "Meta titla' x-xemx, in-nies joħorġu". Qawl ċar minnu n-nifsu u ma fihx xi tfisser. Meta jisbaħ, kull ħadd joħroġ għal xogħlu, jagħmel xi ħaġa.